MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 148/2003

**Coleiro General Supplies**

**Vs**

**Anton Scicluna u Paint Tecknik Malta Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti ammont dovut bhala fornitura ta' merkanzija maghmula lilhom fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% dekoribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Wara li ra li fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004 s-socjeta attrici cediet it-talbiet taghha fil-konfront tas-socjeta konvenuta Paint Tecknik Limited

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenut Anton Scicluna iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal, filwaqt li jillibera is-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fid-dawl tac-cessjoni tat-talbiet attrici fil-konfront taghha maghmula fil-5 ta' Marzu 2004, jilqa' t-talba fil-konfront tal-konvenut Anton Scicluna u jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------